MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2005

Numru 18/2002

**Ir-Repubblika ta' Malta**
Vs
Rene sive Nazzareno Micallef

**Il-Qorti,**

**Rat l-Att tal-Akkuza numru 18 tas-sena 2002 kontra l-akkuzat Rene sive Nazzareno Micallef, li bih huwa gie akkuzat talli:**

**1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap li Nazzareno Micallef kellu xi raba fl-inhawi maghrufa bhala Hal-Mula, Zebbug, Malta. Go fiha huwa kien ilu jezercita l-passatemp favorit tieghu tal-kacca w biswit taghha kien hemm raba ohra appartenenti lill-familja Falzon. Dwar din ir-raba taghhom, Nazzareno Micallef u membri tal-familja Falzon kienu ilhom bit-tilwim bejniethom. Nhar is-sittax t'April tas-sena elfejn u tnejn, bdiet trewwem tilwima ohra bejniethom minn**

**kmieni filghodu meta Nazzareno Micallef kien mar ghall-kacca fl-imsemmija raba w sab xi persuni fir-raba adjacenti w aktar tard iltaqa' ma' George u Henry Falzon. Tlewwmu bl-ikrah bejniethom dwar kwistjonijiet ta' passagg minn fuq ir-raba ta' wiehed u tal-iehor kif ukoll dwar min kellu dritt fejn jahdem l-istess raba. F'hin minnhom, pero' Nazzareno Micallef telaq minn fuq il-post bil-pass u rehielha lejn daru w minflok gietu f'mohhu li jmur jaghmel rapport lill-Pulizija dwar dak li kien gara bejniethom, iddecieda li jara kif jaghmel sabiex ipattieha lill-membri tal-familja Falzon. Kien ghalhekk li qabad wiehed mis-snieter li kellu w cioe' arma tan-nar tal-marka Breda, kkargaha b'hames skratacc u rehielha bil-mixi ghal fejn seta' jiltaqa' mal-imsemmija membri tal-familja Falzon bil-ghan li jpattiehielhom u joqtolhom. Fi triqtu l-hemmhekk, huwa rnexxielu jsib *lift* b'karozza ta' wiehed li kien jaf. Kif wasal hdejn ir-roundabout tal-S Club, lemaghhom gejjin fid-direzzjoni tieghu riekbin f'Isuzu hadra. Fil-Pajero kien hemm tlieta min-nies u cioe' Henry Falzon li kien qieghed isuq filwaqt li passiggier hdejh kien hemm George mentri wara kien hemm riekeb Daniel Falzon. Kif rahom, gieghel lil min kien tah *lift* sabiex jieqaf. Kif dak waqaf, Nazzareno Micallef hareg, tela' fuq ir-roundabout u minghajr ma tahom cans, immira w beda jispara bil-ghan li jolqothom u jtajjrilhom rashom, wiehed, wiehed. Mal-ewwel tir immirat huwa laqat lil Daniel Falzon f'daru flok f'rasu, w dan minhabba li Daniel Falzon ra kif ghamel sabiex jevita l-mira ta' Nazzareno Micallef. Fortunatament, bhala konsegwenza tal-mod kif intlaqat Daniel Falzon, huwa garrab biss feriti ta' natura hafifa salv kumplikazzjoni. B'danakollu, l-intenzjoni ta' Micallef kienet wahda cara, pozittiva diretta w cioe' li joqtol lil Daniel billi jtajjarlu rasu.**

**Illi b'eghmilu, l-imsemmi Nazzareno Micallef sar hati ta' tentattiv t' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt**

**liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w  indipendenti mill-volonta' tieghu.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Reno sive Nazzareno Micallef hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w  indipendenti mill-volonta' tieghu.**

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn seba snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 31 (kif emendat bl-artikolu 6 tal-Att XVI tal-1996), 211, 23, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.

**2) U, wara li fit-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li fl-istess data w lok imsemmija fil-kap precedenti w l-hin kien ghall-habta ta' xi l-ghaxra w nofs ta' filghodu, wara li Nazzareno Micallef kien immira w spara lejn ras  Daniel  Falzon u ma laqtux hemmhekk minhabba r-ragunijiet li ssemmghu hawn fuq, Nazzareno Micallef din id-darba mmira lejn ras Henry Falzon u minhabba l-movimenti li dana ghamel kif ra lil Micallef jimmira lejh, ma ntlaqatx f'rasu izda f'partijiet ohra ta' gismu w garrab diversi feriti serji, fosthom f'idu l-leminija.**

Illi b'eghmilu, l-imsemmi Nazzareno Micallef sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f' periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Rene sive Nazzareno Micallef hati ta'

tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn seba snin sa' tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 31 (kif emendat bl-artikolu 6 tal-Att XVI tal-1996), 211, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat;

**3) U, wara li fit-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li fl-istess data u lok imsemmija fil-kap precedenti w l-hin kien ghall-habta ta' xi l-ghaxra w nofs u hamsa ta' filghodu, wara li Nazzareno Micallef kien immira w spara lejn ras Henry Falzon u ma laqtux hemmhekk minhabba r-ragunijiet li ssemmghu hawn fuq, Nazzareno Micallef din id-darba mmira lejn ras Joseph Falzon u minhabba l-movimenti li dana ghamel kif ra lil Micallef jimmira lejh, ma ntlaqatx f'rasu izda f' partijiet ohra ta' gismu w garrab diversi feriti kkagunati mic-comb.**

**Illi b'eghmilu, l-imsemmi Reno sive Nazzareno Micallef sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Rene sive Nazzareno Micallef hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt**

**liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn seba snin sa' tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 31 (kif emendat bl-artikolu 6 tal-Att XVI tal-1996), 211, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**4) U, wara li fir-Raba Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li fl-istess data w lok imsemmija fil-kap precedenti w l-hin kien ghall-habta ta' xi l-ghaxra w nofs u tmin minuti ta' filghodu, wara li Nazzareno Micallef kien immira w spara lejn ras Joseph Falzon u ma laqtux hemmhekk minhabba r-ragunijiet li ssemmghu hawn fuq, Nazzareno Micallef din id-darba mmira lejn ras George Falzon u, minhabba l-movimenti li dana ghamel kif ra lil Micallef jimmira lejh, ma ntlaqatx f'rasu izda f'partijiet ohra ta' gismu w garrab diversi feriti kkagunati mic-comb.**

**Illi b'eghmilu, l-imsemmi Nazzareno Micallef sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Reno sive Nazzareno Micallef hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn**

**seba snin sa' tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41(1)(a), 31 (kif emendat bl-artikolu 6 tal-Att XVI tal-1996), 211, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**5) U, wara li fil-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti, dejjem minhabba li Nazzareno Micallef volontarjament u dolozament spara l-hames skratac li kellu fl-arma tan-nar tieghu, diversi comb minn dawn it-tiri laqtghu l-vettura li fiha kien hemm riekba l-membri tal-familja Falzon, u cioe' vettura van JBB 642 tal-marka Isuzu. Bhala konsegwenza, din il-vettura, propjeta' ta' Henry Falzon, garrbet hafna hsara illi sabiex titranga l-ispejjez jitilghu ghal aktar minn hames mitt Lira Maltin.**

**Illi b'eghmilu, l-imsemmi Nazzareno Micallef sar hati ta' d-delitt ta' hsara volontarja.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Reno sive Nazzareno Micallef hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa' erba' snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(a), 17(b), 20, 22, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**6) U, wara li fis-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti, dejjem minhabba li Nazzareno Micallef volontarjament u dolozament spara l-hames skratac li kellu fl-arma tan-nar tieghu fid-direzzjoni kemm ta' aktar minn membru wiehed tal-familja Falzon kif ukoll tal-vettura msemmija fil-kap immedjetament ta' qabel**

**dan, huwa kien qieghed ukoll fl-istess hin jipperikola l-inkolumita' ta' persuni ohra li dak il-hin inzertaw ghaddejjin minn hemm, kif ukoll karozzi ohra li wkoll dak il-hin inzertaw ghaddejjin minn hemm. Ukoll, fil-post fejn huwa spara l-hames tiri kien post abitat b'diversi toroq pubblici li jaghtu go xulxin. Naturalment huwa lanqas ma kellu xi awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jaghmel dak li ghamel.**

**Illi b'eghmilu, l-imsemmi Nazzareno Micallef sar hati talli minghajr licenzja tal-Pulizija spara arma tan-nar f'post abitat jew fi qrib tieghu jew fit-toroq pubblici.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Rene sive Nazzareno Micallef hati talli minghajr licenzja tal-Pulizija spara arma tan-nar f'post abitat jew fi qrib tieghu jew fit-toroq pubblici.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn ghoxrin Lira Maltija u mhux izjed minn mitejn Lira, jew ghal dik il-prigunerija w multa flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 22(2), 24(2), 33, 29 u 40 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-artikoli 17(b), 20, 22, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**7) U, wara li fis-Seba' u l-ahhar Kap tal-Att tal-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta li fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti, wara li Nazzareno Micallef volontarjament u dolozament spara l-hames skratac li kellu fl-arma tan-nar tieghu bil-ghan li joqtol lil diversi membri tal-familja Falzon jew tal-inqas li jpoggilhom hajjithom f'periklu car u manifest, huwa telaq minn fuq il-post ta' dawn id-diversi delitti li huwa kkommetta billi kkostringa w waqqaf lil sewwieqa ta' vettura li allura kienet ghaddejja minn hemm, certa Marilyn Chircop, rikeb fil-vettura taghha armat bis-senter li kellu f'idejh u**

**gieghelha twasslu d-dar. Kif dina ratu bis-senter f'idejh jordnalha sabiex twasslu fejn ried imur, hija ma kellha ebda ghazla ohra libera x'taghmel hlief propju tissokkombi ghall-ordni w theddid tieghu.**

**Illi b'eghmilu, l-imsemmi Nazzareno Micallef sar hati talli, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata.**

**Ghaldaqstant, l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmi Rene sive Nazzareno Micallef hati talli, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata.**

**Talab sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi w li huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija minn seba xhur sa' sentejn skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 86, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista' tinghata skond kif jigi ddikjarat hati l-akkuzat.**

**Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.**

**Rat ir-rikors tal-Avukat Generali tad-19 ta' Mejju, 2005 , li bih talab li l-Att ta' l-Akkuza jigi modifikat fl-ewwel kap, fit-tieni kap, fit-tielet kap u fir-raba kap kif gej : illi fil-paragrafi intestati *"konsegwenzi*" , liema paragrafi jinsabu fl-erba kapi msemmija, wara l-kliem "*u indipendenti mill-volonta' tieghu*" jigu inseriti l-kliem *"izda b' dana li dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa fil-waqt li kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minnhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-***

***eghmil tieghu.”*** **Illi fil-paragrafi intestati “*akkuza”*, liema paragrafi jinsabu fl-erba kapi imsemmija, wara l-kliem “*u indipendenti mill-volonta’ tieghu*” jigu inseriti l-kliem *“izda b’ dana li dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa fil-waqt li kien taht l-influwenza immedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minnhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu.”*. Illi l-paragrafi intestati “*piena”*, liema paragrafi jinsabu fl-erba’ kapi msemmija, jigu sostitwiti bil-paragrafi segwenti :-**

*“Jitlob sabiex jitmexxa kontra l-akkuzat skond il-ligi u li huwa jigi kkundannat ghall-piena ta’ prigunerija ghal zmien ta’ mhux aktar minn tnax il-sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41 (1) (a), 211,227 (c), 228 (2), 31 (kif emendat bl-artiklu 5 tal-Att XVI ta’ l 1996), 23, 20, 22 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li skond il-ligi tista’ tinghata.”*

Rat id-Digriet Taghha tal-20 ta’ Mejju, 2005 fir-rigward tal-istess talba;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-istess data li biha rrileva li hu ma kienx qed jitlob korrezzjoni izda semplicement modifika w li hu kien qed jindika l-artikolu 596 tal-Kodici Kriminali.

Rat ir-risposta tal-akkuzat tal-istess data li biha rrileva li d-decizjoni ta’ l-Avukat Generali hija insindakabbli w fit-tieni lok jemmen li tali modifika necessarjament trid tigi milqugha.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali pprezentata fis-seduta tal-lum li biha ddikjara li qed jikkoncedi li ghar-reati fl-Ewwel, fit-Tieni, fit-Tielet u fir-Raba Kap tal-akkuza huma skuzabbli ghaliex l-akkuzat aggixxa fil-waqt li kien taht l-influenza mmedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha fil-waqt tad-delitt ma setghax iqis l-eghmil tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Dr. S. Tonna Lowell ghall-prosekuzzjoni li biha talab li l-piena massima ghal kull

wiehed mill-ewwel erba kapi tkun ta’ mhux aktar minn tnax il-sena prigunerija.

Rat il-verbal tad-difiza li bih aderiet mal-kontenut ta’ din in-nota tal-Avukat Generali u mad-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni dwar il-piena massima mitluba mill-Avukat Generali ghall-ewwel erba kapi tal-Att tal-Akkuza.

Rat il-verbal li bih Dr. Tonna Lowell ghall-prosekuzzjoni ddikjara illi ma kienx qed jinsisti aktar ghar-rikors tieghu tad-19 ta’ Mejju, 2005.

Rat id-Digriet Taghha tal-lum li fih, in vista ta’ din id-dikjarazzjoni tal-Avukat Generali, l-Qorti astjeniet li tiehu konjizzjoni tar-rikors.

Rat ir-rikors konguntiv intavolat mill-Avukat Generali u mill-Akkuzat fid-19 ta’ Mejju, 2005 maghmul ai termini tal-artikolu 453A tal-Kodici Kriminali;

Rat id-Digriet Taghha tal-20 ta’ Mejju, 2005 li bih cahdet it-talba fih kontenuta;

**Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza, tenut kont tal-attenwanti koncessa mill-Avukat Generali bin-nota tieghu fuq imsemmija, wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;**

**Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzat baqgha jtenni t-twegiba li hu kien hati;**

**Tiddikjara ghalhekk lil Rene sive Nazzareno Micallef :-**
1) hati talli fis-16 t’ April, 2002 ghall-habta tal-10.30 am., go Haz-Zebbug, ikkommetta tentattiv ta’ omicidju volontarju ta’ Daniel Falzon w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lill-istess Daniel Falzon jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car, wera dan il-hsieb

b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu, izda b’ dana li dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa fil-waqt li kien taht l-influwenza immedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minnhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu w dana skond l-ewwel kap tal-att ta’ l-akkuza.

2) hati talli fis-16 t’ April, 2002 ghall-habta tal-10.30 am go Haz-Zebbug, ikkommetta tentattiv ta’ omicidju volontarju ta’ Henry Falzon w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lill-istess Henry Falzon jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu, izda b’ dana li dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa fil-waqt li kien taht l-influwenza immedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minnhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu w dana skond it-tieni kap tal-att ta’ l-akkuza.

3) hati talli fis-16 t’ April, 2002 ghall-habta tal-10.35 am., go Haz-Zebbug, ikkommetta tentattiv ta’ omicidju volontarju ta’ Joseph Falzon w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lill-istess Joseph Falzon jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu, izda b’ dana li dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa fil-waqt li kien taht l-influwenza immedjata ta’ passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minnhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu w dana skond it-tielet kap tal-att ta’ l-akkuza.

4) hati talli fis-16 t’ April, 2002 ghall-habta tal-10.38 am., go Haz-Zebbug, ikkommetta tentattiv ta’ omicidju volontarju ta’ George Falzon w cioe’ talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lill-istess George Falzon jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema

delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, izda b' dana li dan ir-reat hu skuzabbli ghaliex hu agixxa fil-waqt li kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minnhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu w dana skond ir-raba' kap tal-att ta' l-akkuza.

5) hati li fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti, volontarjament u dolozament spara l-hames skratac li kellu fl-arma tan-nar tieghu w diversi comb minn dawn it-tiri laqtghu l-vettura li fiha kien hemm riekba l-membri tal-familja Falzon, u cioe' vettura van JBB 642 tal-marka Isuzu w b'hekk ikkaguna hsara volontarja li teccedi l-hames mitt lira f' din il-vettura, ghad-dannu ta' Henry Falzon, u dan skond il-hames kap tal-att ta' l-akkuza.

**6) hati li fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti, minghajr licenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat jew fi qrib tieghu jew fit-toroq pubblici w dana skond is-sitt kap ta' l-att tal-akkuza.**

**7) hati li fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Marylin Chircop kontra l-volonta' taghha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata w dan skond is-seba' kap ta' l-att ta' l-akkuza.**

**Semghet ix-xhieda ta' l-Ispettur Carmelo Magri, Mary Micallef mart il-hati, Mary Micallef omm il-hati u Catherine Naudi, ko-propjetarja ta' xi raba li hu mqabbel lill-familja tal-hati.**

**Rat in-nota tad-difiza pprezentata waqt l-udjenza b'hames dokumenti annessi maghha li huma skrittura privata dwar cessjoni ta' raba bejn omm il-hati w l-kumpannija tal-vittmi, okkorrenza ta' rapport**

**maghmul minn Catherine Naudi fuq incident li gara tlett snin wara d-data tal-kommissjoni tar-reati odjerni kontra Harry Falzon fuq xi argument li kellhom dwar raba fl-istess akwati, certifikat mediku ta' wiehed mit-tfal tal-hati rrilaxjat mill-kirurgu Mr. Anthony Zammit, certifikat tal-mewt ta' missier il-hati w rapporti medici dwar l-istat ta' sahha ta' tifel iehor tal-hati.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza seduta stante u li minnha jidher li l-hati kellu biss zewg kundanni mill-Qrati wahda ta' ragion fattasi w theddid fil-konfront ta' certa Pawlina Cachia dwar xi eghlieqi w l-ohra meta aggredixxa Senior Nursing Officer u diversi impjegati tal-isptar Boffa u kkaguna hsara fl-isptar Boffa.**

**Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoni w d-difiza qablu li bejn ir-reati taht l-ewwel erba' kapi tal-Att tal-Akkuza w dawk taht il-hames u s-sitt kapi hemm il-konkors formali w ideali billi mill-istess fatti skaturew diversi reati w ghalhekk, ghall-fini tal-piena ghandha tinghata l-piena ghal reati l-aktar gravi , li f' dan il-kaz huma r-reati taht l-ewwel erba' kapi bl-attenwanti koncessi fin-nota tal-Avukat Generali.**

**Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur dwar il-piena;**

**Qieset is-sottomissjonijiet** kollha **dwar il-piena maghmula mill-abbli difensuri, li jinsabu kollha registrati w senjatament, <u>imma mhux biss</u> , is-segwenti :-**

**1) Illi mid-deposizzjoni ta' omm u mart il-hati w ta' Catherine Naudi jirrizulta li kien hemm retroxena ta' konflitt dwar xi raba li l-familja tal-hati kienet ilha tiddetjeni ghal certu zmien u li t-titolu w access ghaliha kienet materja ta' vertenza bejn il-familja tal-hati w l-familja tal-vittmi;**

**2) Li l-hati kien persuna biezla, mpjegata u anki tahdem ir-raba;**

**3) Li l-hati kellu sitwazzjonijiet sfortunati minhabba l-istat ta' sahha ta' membri tal-familja tieghu;**
**4) Li l-hati qatt ma nnegga li hu qatt ma kien spara w li ma kienx il-kaz li l-Qorti taghmel ezempju bih;**
**5) Illi kien importanti hafna li wiehed jara r-retroxena kollha u jqis l-incident li gara aktar kmieni filghodu fis-16 t'April, 2002 bhala "the last straw";**
**6) Li l-hati ma kellux kondotta hazina ghalhekk id-difiza talbet li l-Qorti turi klemenza mal-hati.**

Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur :

Li dan il-kaz kien wiehed gravissimu u li ghalkemm id-difiza ghamlet minn kollox biex tpingi lill-membri tal-familja Falzon bhala l-awturi tar-reati, huma kienu l-vittmi, u mhux l-awturi.

Ikkonsidrat

Li l-hati ammetta l-htija tieghu ta' erba kazi distinti ta' tentattiv ta' omicidju volontarju kontra ebda persuni differenti, sia pure' issa bl-attenwanti koncess mill-Avukat Generali li fil-hin tal-kommissjoni tal-imsemmija reati hu kien agixxa fil-waqt li kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma setax iqis l-eghmil tieghu. Illi bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali li jirrigwarda l-konkors tar-reati w pieni, l-piena massima ghal dawn l-erba reati flimkien tkun ta' tletin sena prigunerija, u cioe' t-tnax il-sena massimu mitlub mill-Avukat Generali ghal kull wiehed mill-ewwel erba' kapi tal-att tal-akkuza moghtija ghal kap wiehed minnhom, piu' nofs l-istess terminu ghall-kull wiehed mit-tlitt kap l-ohra. Ma dan umbaghad tkun trid tizdied nofs il-piena massima ghas-seba kap li jirrigwarda s-sekwestru ta' Marylin Chircop, dejjem skond l-artikolu 17 (b) u cioe' sena prigunerija. B' kollox ghalhekk ghall-akkuzi, kif issa modifikati bl-attenwanti tal-agitazzjoni tal-mohh ghall-ewwel erba kapi biss u ghas-sebgha kap li ghalih din l-attenwanti din ma tapplikax, l-hati jiffaccja massimu ta' wiehed u tletin (31) sena prigunerija. Kif intqal bi qbil bejn il-prosekuzzjoni w d-difiza ma ghandha tinghata ebda

piena ghall-htija taht il-hames u s-sitt kapi stante l-konkors formali bejn dawn iz-zewg kapi w l-ewwel erba kapi.

**Illi raguni ewlenija li adduciet id-difiza biex il-piena tigi mitigata fir-rigward kienet il-fatt li gara kien ir-rizultat ta' retroxena ta' kwistjonijiet li l-familja tal-hati kellha dwar xi raba fl-akwati ta' Wied Qirda mal-familja Falzon wara li dawn akkwistaw xi artijiet f'dawn l-akwati.**

**Il-Qorti ghalkemm hadet dan in konsiderazzjoni u ghalkemm ukoll qed tiehu in konsiderazzjoni l-attenwati koncess mill-Avukat Generali fuq imsemmi, xorta wahda ma tistax tinjora l-gravita' tal-kaz kif jipprezenta ruhu.**

**Mill-fedina penali tal-hati jidher ukoll li din ma kienitx l-ewwel darba fejn huwa sar vjolenti anki fil-konfront ta' persuni ohrajn ghalkemm l-incidenti precedenti ma jirrizultawx li kienu hekk serji.**

**Ragunijiet ohra li ssemmew mid-difiza u li jirrigwardaw xi problemi ta' sahha ta' ulied il-hati qed jittiehdu ukoll in konsiderazzjoni pero' zgur li ma jistghux iwasslu lil din il-Qorti biex b'xi mod tiggustifika l-agir tal-hati.**

**Illi hu minnu li l-hati ma nneggax li kien hu li spara kif issottometta d-difensur tieghu, pero' jigi osservat li ftit setgha jaghmel dan meta dak li ghamel ghamlu quddiem pjazza nies fejn, oltre l-vittmi tal-isparatura ratu ukoll is-sinjorina li giet sekwestrata biex issuqu lil hinn mill-post tad-delitt u ovvjament nies ohrajn.**

**Il-Qorti kkonsidrat ukoll il-gurisprudenza recenti in materja li giet citata lilha mill-abbli difensur ghalkemm il-fatti speci ma kienux simili ghal dawk tal-kaz odjern la fin-natura tar-reat u lanqas fil-multiciplita' tal-vittmi.**

**Il-Qorti qieset ukoll l-fatt li l-hati ammetta l-htija tieghu wara li l-Avukat Generali kkonceda l-attenwanti tal-agitazzjoni tal-mohh.**

**Illi kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**"** **[5.7.2002], l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.**

**Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-Qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza** "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**"** **, [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran relattiv mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) li jigbor fih il-prassi tal-Qrati Inglizi fir-rigward u li gie ripetutament citat u addottat mill-Qrati Taghna. Din il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni dan l-insenjament fl-applikazzjoni tal-piena f'dan il-kaz anki tenut kont tal-imsemmija ammissjoni.**

**Ikkonsidrat ;**

**Mill-banda l-ohra pero' din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li d-delitti ammessi mill-hati , partikolarment dawk taht l-ewwel erba' kapi ta' l-att tal-akkuza, kienu mill-aktar serji w setghu kellhom konsegwenzi ferm aktar tragici minn dawk li avverraw ruhom. Kien hemm sparar ripetut lejn persuni diversi f' direzzjonijiet u hinijiet diversi li bicca minnu kien a distanza ravvicinata jekk addirittura mhux "a brucia pelo" u din it-tip ta' vjolenza armata ma tista' qatt tigi konsidrata b' mod legger mill-Qrati li ghandhom id-dmir li jipprotegu lis-socjeta w lill-kull individwu mill-agir folli ta' dawk li ghax isibu arma f'idejhom, jahsbu li jistghu jaghmlu li jridu. Bl-agir folli tal-hati gew feruti erba' persuni w fil-kaz ta' Henry Falzon, jidher li dan anki tilef parti minn xi arti u parti mill-funzjoni ta' xi parti minn gismu. Dan kien incident li jwahhax kommess go pjazza mill-aktar traffikuzi ta' Haz-**

**Zebbug, b' perikolu ukoll ghal nies ohra passanti li ma kellhom x' jaqsmu xejn mall-persuni involuti fl-incident. Ghalhekk f' dan il-kaz il-piena karcerarja komplessiva trid bil-fors tirrifletti l-multiplicita' tar-reati ammessi mill-hati.**

**Qieset dak li gie ritenut fis-sentenza "Ingliza ta'** Bancroft **(1981) [3 Cr. App. R. (S) 119] citata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fil-kawza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis vs. Cikku Farrugia" **[3.10.2003] u minn din il-Qorti fis-sentenza** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis Buhagiar" **[5.11.2003] konfermata fl-appell [ 24.9.2004]:-**

**"…notwithstanding that a man's reason might be unseated on the basis that the reasonable man would have found himself out of control, there is still in every human being a residual capacity for self-control, which the exigencies of a given situation may call for. That must be the justification for passing a sentence of imprisonment, to recognise that there is still left some degree of culpability…(ara Jeremy Horder : "Provocation and Responsibility" (OUP, 1992 p. 120)"**

**Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b), 20, 22, 23, 31, 41(1)(a), 86, 211, 227(c), 228 (2), 325(a) u 533 tal-Kodici Kriminali w l-artikoli 24(2), 33(1), 29 u 40 tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta , tikkundanna lill-hati Rene sive Nazzareno Micallef ghall-piena ta' tmintax (18) il-sena prigunerija – li minnhom irid jitnaqqas kull periodu li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati minnu hawn ammessi u tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti b' konnessjoni mar-reati , favur il-Gvern ta' Malta u tordna lill-hati li jhallas lir-Registratur tal-Qrati is-somma ta' erba mija w disgha w hamsin lira Maltin u seba w ghoxrin centezmu (LM459.27) spejjez tal-perizji inkorsi fil-process skond l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------